**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 13 - IT-TLIETA 16 TA' MARZU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-8:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat (imsiefer): | David Bonello | Kunsillier |
| Pubbliku: | Kien hemm żewġ persuni preżenti. | |

**1. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1. Il-laqgħa bdiet fit-8:00pm minħabba li eżatt qabel is-Segretarju Eżekuttiv (ES) kellu laqgħa importanti ħafna organizzata minn PPCD dwar fondi tal-Unjoni Ewropea.

1.2. Il-Kunsilliera Miceli staqsiet dwar para. 6.2 u s-SE informa li għalkemm l-avviż kien deher fuq il-Kuntatt u kien se jasal fil-waqt, l-amministrazzjoni ma rnexxielhiex tlaħħaq l-avviż l-ieħor. Kien hemm qbil li għandu jsir tentattiv biex dan l-avviż fuq karta ta' daqs A5 u stampat b'kulur wieħed jilħaq jintbagħat b'mod separat mill-Kuntatt sat-Tnejn filgħodu.

1.3. Il-Kunsill waqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex jiltaqa' mal-offerent tas-servizz tal-*handyman* is-Sur Ivan Abela. Offerenti b'kollox kien hemm tlieta iżda minħabba li tnejn minnhom kienu diġà qed joffru dan is-servizz il-Kunsill ma ħassx li kellu għalfejn jiltaqa' magħhom ukoll. Notamenti dwar din il-laqgħa jinstabu mehmużin f'A. Il-ħin kien it-8:15pm.

**2. L-OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' FOTOGRAFIJA GĦALL-KTIEB BIR-RITRATTI TAN-NAXXAR**

2.1. Hawnhekk il-Kunsill iddiskuta r-ritratti li pprovdew iż-żewġ fotografi li tefgħu l-offerta tagħhom għas-servizz tal-fotografija kif mitluba mill-Kunsill. Is-SE, filwaqt li għadda l-kopji tar-ritratti mmuntati lill-Kunsilliera, fakkar li kull fotografu kien mitlub jgħaddi lill-Kunsill ritratt tal-Pjazza tan-Naxxar kif ukoll ieħor tal-għażla tiegħu li iżda jkun ambjentat fin-Naxxar. Filwaqt li kulħadd għadda l-kummenti tiegħu kien

hemm qbil b'sitt voti kontra tnejn li jintagħżel is-Sur Ruben Buhagiar liema deċiżjoni kienet ibbażat fuq il-kwalità tax-xogħol u l-kapaċità tal-fotografu.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku infurmat li kienet irċeviet offerta biex il-Kunsill jingħaqad fi proġett tal-Unjoni Ewropea biex jingħata xi fondi biex jiġu rranġati l-widien fin-Naxxar u fil-postijiet li kienu se jipparteċipaw fil-proġett. Din l-inizjattiva kienet se tkun bejn il-lokalitajiet tal-Mosta u n-Naxxar u Ragusa fl-Italja. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u awtorizza lis-Sindku biex tipproċedi b'dak kollu li jkun meħtieġ.

3.2. Il-Kunsilliera Miceli staqsiet lis-SE jekk il-WasteServ għadhomx jagħtu s-servizz tal-bring-in sites u ġbir ta' skart separat fil-lokalità tan-Naxxar. Is-SE informa li l-kuntratt mal-WasteServ issa m'għadux jgħodd għaliex issa ffirmajna ieħor mal-Green MT u tali servizzi minn Wasteserv twaqqfu kollha.

3.3. Il-Kunsilier Sammut informa li kienu kkuntattjawh mill-organizzazzjoni *Inspire* fejn talbu lill-Kunsill biex jikrilhom sett mid-dwal tal-Milied sabiex jintuża waqt attività tagħhom. Il-Kunsill ma qabilx minħabba l-eventwlità ta' xi ħsara.

3.4. Il-Kunsillier Brincat informa li l-Kumitat Ċentrali għan-Naxxar f'isem il-Partit Laburista kienu qed jitolbu li jibbukkjaw is-sala tal-Kunsill fil-Jiem Nazzjonali biex jorganizzaw diskussjonijiet relatati propju mal-Jum Nazzjonali partikulari. Is-Sindku wissiet li wieħed għandu joqgħod attent li ma jħallatx politika partiġġjana mal-Kunsill. Il-Kunsillier Brincat insista li dawn se jkunu diskussjonijiet b'taħlita ta' kelliema u m'hemm l-ebda politika partiġġjana. Il-Kunsillier Gatt ippropona li, biex wieħed ikun aktar attent u jaċċerta li ma jiġrix dan, il-Kunsill għandu jalloka s-Sala bi prova fuq numru żgħir mill-attivitajiet ħalli jara xi jkun ir-riżultat u, wara, jiddeċiedi fuq il-kumplament tal-ġranet. Wara diskussjoni t-talba ma ġietx aċċettata b'4 voti favur u 4 kontra.

## 4. L-OFFERTI GĦAS-SERVIZZ TA' HANDYMAN

4.1. Kien hemm diskussjoni dwar l-offerti li rċieva l-Kunsill mingħand it-tliet offerenti, it-tnejn li diġà għaddejjin bil-kuntratt u offerent ġdid, is-Sur Ivan Abela.

4.2. Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jara l-possibbiltà li l-Kunsill ikollu servizz ta' *handyman* matul il-ġurnata kollha u għaldaqstant għandu jikkunsidra li dawn jaħdmu fuq bażi ta' *shift*.

4.3. Kien hemm qbil li s-SE għandu jara xi spejjeż kien se jidħol għalihom kemm-il darba tittieħed deċiżjoni simili flimkien mal-benefiċċji u xi żvantaġġi li jista' jkun hemm.

## 5. ĦLAS TA' KONTIJIET

5.1. Ġiet preżentata u approvata l-lista ta' pagamenti. Kopja tagħha hija mehmuża f'appendiċi B.

## 6. MOZZJONI MILL-KUNSILLIER BRINCAT

6.1. Il-Kunsillier Brincat ressaq mozzjoni sabiex tissemma' triq fin-Naxxar għall-Kunsillier Victor Agius jew inkella jitpoġġa bust tiegħu fil-binja tal-Kunsill. Din kienet issekkondata mill-Kunsillier Galea. Ma kienx hemm qbil li jsir bust minħabba li matul iż-żmien jistgħu imutu ħafna aktar persuni li jkunu ħadmu għan-Naxxar u għall-Kunsill. Fir-rigward ta' isem ta' triq, il-Kunsill qabel. Min-naħa l-oħra s-SE ġibed l-attenzjoni li hemm bord nazzjonali apposta (Kumitat għat-Tismija tat-Toroq) li jiddeċiedi fuq l-ismijiet tat-toroq. Fost oħrajn dan il-Kumitat għandu regolamenti li jgħidu li triq tista' tissemma' għal xi persunaġġ biss sakemm ikun ilu

mejjet 5 snin. Għaldaqstant kien hemm qbil li fl-aħħar tal-leġislatura tal-Kunsill għandu jerga' jitqajjem dan il-punt minħabba li għalissa għadu xi ftit kmieni.

## 7. RAPPORT FINANZJARJU GĦAD-DISA' XHUR APRIL – DIĊEMBRU 2009

7.1. Is-SE ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kien qed jippreżenta r-rapport finanzjarju aktar tard milli xtaq minħabba li kien qed ikollu problema ta' dewmien mill-*accountant* tal-Kunsill. Dan għaliex jidher li m'huwiex intiż fuq kwistjonijiet u regolamenti finanzjarji tal-Kunsill. Infatti s-SE irrimarka wkoll li r-rapport li kien qiegħed jippreżenta kien qiegħed jarah għall-ewwel darba mal-Kunsillieri u ma kienx f'pożizzjoni li jidħol fid-dettall tiegħu.

7.2. Is-SE informa li skont il-bilanċi li rnexxielu joħroġ l-*accountant*, jidher li l-Kunsill se jkun fadallu bilanċ f'kontanti ta' €10,000 biss u li huwa xi ftit inkwitanti meta wieħed iqis li l-Kunsill suppost dejjem ikollu bilanċ ta' 10% tal-allokazzjoni. Huwa informa madanakollu li l-bilanċ tal-flus li l-Kunsill għandu fil-bank qiegħed tajjeb ħafna u m'hemm l-ebda problema li xi kredituri ma jistgħux jitħallsu.

7.3. Il-Kunsill qabel li għandu japprova r-rapport finanzjarju iżda li s-SE għandu jiġbed l-attenzjoni tal-*accountant* dwar xi punti.

## 8. APPLIKAZZJONI GHALL-PROĠETTI TAL-ERDF (PJAZEZ)

8.1. Is-SE informa li kien għadu kif attenda għal seminar organizzat minn PPCD fejn ingħataw dettalji ta' kif wieħed għandu japplika u xi informazzjoni utli oħra fir-rigward tal-applikazzjonijiet.

8.2. Is-SE informa li, skont kif sar id-diskors fis-seminar, tant l-applikazzjoni hija impenjattiva, u tant l-impenn tal-Kunsill irid ikun kbir, li qed jara li jista' jkun hemm diffikultà biex jiġu sottomessi żewġ proġetti kbar fl-istess ħin kif kienet ix-xewqa tal-Kunsill. Infatti saret ukoll enfasi kbira li jekk proġett ma jkunx jiffittja eżatt skont il-kriterji stabbiliti, ikun inutli li l-Kunsill jipprova jagħmel dan.

8.3. Huwa għalhekk talab lill-Kunsill biex jiddikjara liema proġett ikun jixtieq jipproċedi bih għall-applikazzjoni f'każ li waqt il-preparazzjoni tal-applikazzjoni jkun mitlub biex jitwaqqa' proġett. Huwa informa li fl-opinjoni tiegħu il-proġett għall-Pjazza Vittorja kien jiffittja perfettament mal-kriterji u r-rekwiżiti meħtieġa u jkun aktar għaqli li jiffoka u jitfa' l-enerġija tiegħu kollha fuqu. Huwa fakkar ukoll li ż-żewġ proġetti kienu jiswew mijiet ta' eluf ta' ewro u li, kemm-il darba jkunu aċċettati l-Kunsill, sakemm ma jkunx hemm finanzjament minn x'imkien ieħor, ikun irid joħroġ 15% tal-ispejjeż eliġibbli, li fuq ammonti kbar ħafna jistgħu ikunu wisq għall-Kunsill.

8.4. Il-Kunsill qabel għalhekk li, jekk ikollu jagħżel bejn proġett u ieħor, il-prijorità tingħata lill-proġett a' Pjazza Vittorja.

8.5. Is-SE informa li l-applikazzjoni kienet se timtela' bl-għajnuna tal-MEUSAC li naturalment kienet teħtieġ l-assistenża tal-Perit tal-Kunsilll.

8.6. Is-SE informa li huwa sadanittant kien iltaqa' mal-Periti Cassar u Micallef dwar iż-żewġ proġetti u deheru entużjażmati ħafna. Is-SE informa li fir-rigward tal-proġett ta' Pjazza Vittorja, il-Periti ma kienux qed jeskludu f'dan l-istadju possibiltajiet li jsiru *underpass* għall-karozzi bejn Triq il-Parroċċa u l-pompa tal-petrol. Madankollu wieħed kien għad irid jidħol fid-dettalji kollha qabel ma jkun kommess b'xi idea.

**9. ATTIVITÀ TA' ĠUNJU**

9.1. Is-Sindku infurmat li kienet inżammet laqgħa tas-sottokumitat dwar l-attività ta' Ġunju fejn kienu qassmu bejniethom xi xogħlijiet x'jagħmlu sal-laqgħa li jmiss.

9.2. Is-Sindku infurmat li fost oħrajn kien ġie deċiż li l-ħuġġieġa (artifiċjali) għandha ssir il-Ħadd u mhux is-Sibt kif oriġinarjament miftihem u għalhekk l-attività kollha ssir f'jum wieħed biss.

9.3. Is-Sindku ħeġġet lill-Kunsilliera biex, kemm-il darba jafu lil xi individwi li għandhom xi sengħa, iħeġġuhom jagħtu isimhom lill-Kunsill.

9.4. Is-Sindku infurmat li fost oħrajn kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jonfoq flus esaġerati fuq riklamar u fil-fatt iż-żewġ Kunsilliera Bonello u Galea kellhom jippruvaw jakkwistaw xi riklamar mingħajr ħlas.

**10. PROPOSTA MILL-KUMPANIJA *THE NOTEBOOK CENTRE***

10.1. Is-SE informa li kellu offerta mingħand *The Notebook Centre* fejn, kemm-il darba l-Kunsill jagħmillu promozzjoni mar-residenti għal xiri tal-kompjuters tad-ditta DELL, huwa kien se jagħti vawċer ta' €50 lir-residenti fuq xiri ta' kompjuters mingħand din l-istess d-ditta.

10.2. Is-SE ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jieħu spunt minn din it-talba u jara x'jagħmel biex idawwarha li tkun ta' vera benefiċċju għar-residenti biex aktar nies jitħajjru jużaw il-kompjuters. Kien hemm qbil li jiġi ffurmat sotto kumitat li se jkun magħmul mill-Viċi Sindku u mill-Kunsillier Gatt.

**11. AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA**

11.1. Is-SE wera tliet verzjonijiet tal-Kuntatt (wieħed stampat fuq *art-paper*, ieħor fuq karta bajda rriċiklata u ieħor bajda safranija rriċiklata). Kien hemm qbil li l-Kuntatt għandu jibqa' jiġi stampat fuq art-paper għaliex il-kwalità hija ferm aħjar kif ukoll għaliex fuq karta riċiklata jiswa ħafna aktar.

11.2. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ssuġġeriet li kull Kunsillier jingħata responsabbiltà waħdu u mhux maqsuma ma' ħaddieħor għaliex hekk mhux dejjem jidher li persuna tkun qed taħdem u oħra le. Is-SE ġibed l-attenzjoni tas-Sindku li huwa jidhirlu li skont il-liġi li għaddiet f'Novembru li għadda kull responsabbiltà ma tistax tkun maqsuma fuq aktar minn persuna waħda.

11.3. Fuq talba tal-Kunsillier Galea kien hemm qbil li tinżamm il-laqgħa tal-ilmenti nhar is-Sibt 10 ta' April 2010.

11.4. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tlieta 13 ta' April 2010. Il-laqgħa spiċċat fl-10:30pm.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara** *MD,MMCFD* | **Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM* |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**LAQGĦA MAS-SUR IVAN ABELA, WIEĦED MILL-OFFERENTI GĦAS-SERVIZZ TA' HANDYMAN**

1. Is-Sur Abela informa li huwa kellu kumpanija tiegħu li fil-preżent kienet tikkonsisti minnu u ħaddiem ieħor.
2. Huwa kkonferma li kapaċi jagħmel ħafna xogħlijiet varji però m'għandux taħriġ formali fl-ebda tip ta' xogħol.
3. Huwa informa li ma kinitx problema għalih li jirranġa biex jagħmel ix-xogħol tal-Kunsill kif ukoll tiegħu personali u għaldaqstant ma kellhomx itellfu lil xulxin.
4. Meta mistoqsi huwa ddikjara wkoll li, għalkemm huwa *Turnkey Contractor*, huwa jaċċetta xogħlijiet żgħar biss.
5. Meta mistoqsi kemm ilu jaħdem għal rasu, huwa informa li ilu 5 snin u qabad jaħdem hekk għal raġunijiet finanzjarji.
6. Is-Sur Abela informa li m'għandux liċenzja biex jaħdem bħala electrician, eċċ.
7. Huwa kien mitlub ukoll jipprovdi l-Kondotta tal-Pulizija.